

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6033 – Johnson & Johnson/Crucell)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2011/C 5/11)

1. Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Johnson & Johnson ("JN", l-Istati Uniti) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ fuq Crucell N.V. ("Crucell", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-6 ta' Ottubru 2010.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprezi kkonċernati huma:

- JN: prodotti għas-saħħa u l-kura tal-konsumatur, inkluż prodotti għas-sbuħija, għall-kura orali, għat-trabi, mediċini li jinxtraw mingħajr riċetta, prodotti nutrizzjonali, għas-saħħa tan-nisa, ta' benesseri u ta' prevenzjoni; apparat u dijanjosi medika; prodotti farmaċewtiċi,
- Crucell: riċerka, żvilupp, produzzjoni u bejgħ ta' prodotti mediċinali bioloġiċi (i.e. tilqim, proteini u antikorpi) għall-prevenzjoni u t-trattament ta' mard infettiv.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6033 – Johnson & Johnson/Crucell, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").